

# Toussaint Busuttil - Pittur u Restawratur

*Kitba ta' George J. Vella*

Toussaint Busuttil jew aħjar kif konna nsibuh bħala Tusè, kien pittur Malti li dejjem ħadem ġewwa l-istudju tiegħu 'l bogħod minn kull pubbliċità u mingħajr ma kien jesponi xogħolu f'wirjiet pubbliċi. Kien bniedem tal-familja, mogħti lejn l-Arti u għal dawk kollha li kienu għeżież għalih u li lejhom kellu mħabba kbira.

Iben Mastru Ġiann Busuttil u Maria Caruana, Tusè twieled iż-Żejtun fit-8 ta' Jannar 1912 u kien l-aħħar wild fost ħamest ulied; tliet subien u żewġt ibniet. Bħal kull missier ieħor twajjeb ta' familja Maltija, Mastru Ġiann kellu l-ambizzjoni li jtellà lil uliedu nsara tajba u jagħtihom edukazzjoni tajba safejn jista'. Għaldaqstant, waqt li t-tfajjel Toussaint spiċċa l-iskola elementari missieru, Mastru Ġiann, staqsieh x'jixtieq isir la jikber, u mingħajr ebda tlaqliq u mingħajr ma ħasibha darbtejn, it-tfajjel wieġbu: 'Inħobb il-pittura u nixtieq li nsir pittur'.

Mastru Ġiann, li kien diġa' nnota l-inklinazzjoni ta' ibnu mogħtija għat-tpinġija fil-ħin liberu tiegħu mingħajr l-ebda ġarsien ta' ħadd, iddeċida li jissekonda l-għażla ta' ibnu u għażel li jibgħatu għand is-Surmast tad-disinn Emanuele Xuereb tal-Birgu u fdaħ taħt il-kura tiegħu. Is-Surmast Xuereb beda jagħtih il-lezzjonijiet tad-disinn u l-chiaroscuro. Imma wara ftit taż-żmien l-istess Xuereb ammira t-talenti u l-intelliġenza tiegħu u ssuġġerixxa lil missieru li jibgħat lill-ibnu għand xi pittur magħruf li mingħandu jkun jista' jieħu tagħlim aktar vast u ta' aktar esperjenza fl-arti tal-pittura. Mastru Ġiann għażel li jibgħatu għand il-pittur bravu Lazzaro Pisani li kien jiġi l-kuġin ta' Antonio u Francesco Saverio Sciortino, żewġ student li mingħand Pisani stess mhux biss ingħataw kull inkoraġġiment imma wkoll għajnuniet finanzjarji.

F'Lazzaro Pisani, Tusè ma sabx biss surmast kuxjenzjuż imma sab ukoll it-tieni missier tiegħu li baqà jħobbu u jirrispettah sa ma miet. Pisani mill-ewwel għallmu il-parti teknika tal-pittura, u fhemu sa l-anqas dettalji tal-varjazzjoni tal-kuluri, l-użu tad-dell, l-importanza tal-perspettiva u fuq kollox il-konsistenza

" Kien bniedem tal-familja, mogħti lejn l-Arti u għal dawk kollha li kienu għeżież għalih u li lekhpm kellu mħabba kbira."

ta' l-oġġett u tal-figura umana li tkun trid tpinġi, biex jagħtihom ħajja u forma anatomika li tirrendi l-oġġett ħaj u palpitanti.

Karatteristika ta' Pisani kienet il-bravura tiegħu li jpinġi d-drappeġġ li jħalluk tara minn ġo fihom taħt l-aspett esterjuri l-anatomija tal-figura umana, bil-laħam u l-għadam, eżatt kif jidher fir-realtà. F'dan l-istudju u r-riproduzzjoni ta' figuri ta' kapolavuri taż-żminijiet kollha, Tusè ipperfezzjona ruħu meta daħal u qabad il-qasam tad-disinn mas-Surmast Emanuele Xuereb fejn issa għaqqad flimkien il-kulur u l-logħob tad-dell u d-dawl. Wara l-esperjenza li jagħmel ir-riproduzzjonijiet ta' kapolavuri ta' oġġetti, Pisani beda jqabbdu fi studji mill-veru u wkoll hawnhekk li jpinġi mill-memorja u l-intelliġenza dak kollu b'faċilità li kien jippreżentalu quddiemu, tant li skond il-ġudizzju ta' Pisani kien wasal il-mument li jissuġġerixxi lil Busuttil li jmur Ruma biex jipprofondixxi l-katar fil-pittura u l-arti li għandhom x'jaqsmu magħha.



Missier Tusè ma qagħadx itellà u jniżżel li jaċċetta l-parir ta' Pisani. Bagħatu jattendi l-Iskola ta' l-Arti, li dak iż-żmien kienet taħt id-direzzjoni tal-pittur Edward Caruana Dingli li kien mgħejjun minn ħuh il-pittur Robert Caruana Dingli. Minn hawn il-pittur Busuttil kellu l-iskop li jakkwista borża ta' studju li tippermettilu jmur Ruma.Tusè ma tantx kien ilu jiffrekwenta l-Iskola ta' l-Arti u għall-avviż tal-konkors għal żewġ boroż ta' studju, waħda għall-pittura u l-oħra għall-iskultura, id-direttur ta' l-iskola billi kien sar jaf bl-intelliġenza u l-entużjażmu ta' Busuttil ħallieh jikkonkorri. Dawn irriżultaw tlieta u għalhekk ma kienx possibli li jaċċettawh għas-sussidju tal-Gvern biex ikompli l-istudju tiegħu ġewwa Ruma.

L-intervent ekonomiku ta' missier Tusè ħall il-problema u fl-1930 huwa ħalla Malta biex imur jistudja ġewwa Ruma fejn daħal fl-Accademia di Belle Arti kif ukoll fil-British Academy fejn dam jattendi erbà mill-korsijiet ta' l-anatomija u storja ta' l-arti.

Minbarra li kien jattendi assidwament il-korsijiet fi ħdan iż-żewġ akkademji, kien jieħu sehem ukoll f'diversi Wirjiet ta' l-Arti, li huma spissi fl-Italja, fejn Tusè kien dejjem jiddistingwi ruħu permezz tal-validità tat-tpinġijiet tiegħu li konsegwentement kien rebaħ l-ewwel premju fil-kompetizzjoni *Calderon* minn fost ħafna konkorrenti internazzjonali bil-ġurija magħmula mill-Professur Battaglia, Corumaldi u Galimberti. Wara riżultati hekk notevoli kienu l-istess membri tal-ġurija li mbuttaw biex jassigurawh boroż ta' studju biex ikompli l-kors ta' l-anqas għal sentejn oħra.

Meta Tusè wasal Ruma fuq rakkomandazzjoni minn Pisani sab jistennieh fl-Accademia Inglese lil kuġin tiegħu Antonio Sciortino. Sciortino tefgħu f'kompartiment mà aljievi oħra. Sciortino ma kien iħalli lil ħadd iżur l-istudju tiegħu ġo Villa Margutta. Imma mà Tusè kien mod ieħor. Tusè kien żagħżugħ umli iżda enerġiku u studjuż u Sciortino taħ kull għajnuna possibli għax fih kien jammira l-inġenjożità tiegħu. F'dak iż-żmien, pero' minħabba li bdiet tissemma l-bidu tal-gwerra bejn l-Italja u l-Etjopja il-ġenituri ta' Busuttil tawh il-parir li jfittex jiġi lura lejn Malta. Malli wasal lura fetaħ studju f'raħal twelidu iż-Żejtun.

Hawn beda l-karriera tiegħu bħala pittur u beda jpitter veduti ta' Malta bl-akwarella li t-turisti Ingliżi kienu jiġġennu għalihom, aktar u aktar dawk residenti f'Malta. Maltin ta' awtorità u pożizzjoni għolja bħal Sir Arturo Mercieca, l-Imħallef Camilleri, Sir Hannibal Scicluna, Lady Bonham Carter, il-mara tal-gvernatur u ħafna oħrajn kienu ikkommissjonawh ħafna xogħol. Kien ipinġi ukoll diversi ritratti fosthom dak ta' Sir Harry Luke għan- Norman House fl-Imdina kif ukoll ħadem kopji fidilissimi tal-GranMastru Antonio Manoel de Vilhena għall-foyer tat-Teatru Manoel, kif ukoll ta' ħafna pitturi oħra għal djar privati.

"Minbarra li kien jattendi assidwament il-korsijiet fi ħdan iż-żewġ akkademji, kien jieħu sehem ukoll f'diversi Wirjiet ta' l-Arti"

Għad li kien qabad tajjeb dan ix-xogħol, ma setax jaqla l-għixien tiegħu deċenti u għalhekk fuq il-parir ta' l-iskultur magħruf Antonio Sciortino huwa daħal mal-Gvern

bħala pittur, restawratur u dekoratur. B'hekk assigura ruħu b'impieg fiss li dam fih 35 sena. Minn taħt idejh għaddew swali ta' palazzo u djar ta' familji nobbli u mhux anqas knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Ta' min isemmi id-dekorazzjoni li kien għamel fis-sala tal-konferenzi fl-Auberge d'Aragon. Huwa wettaq ukoll xogħol bl-akbar ħila fil-palazz tal-President ġewwa l-Belt Valletta filwaqt li ddekora mill-ġdid l-uffiċċju tal-Prim Ministru fl-istess palazz. Wettaq ukoll xogħol ta' dekorazzjoni fil-Forti Sant'Anġlu fejn pitter b'suċċess kbir is-Sala ta' l-Uffiċjali li kienet tikkonsisti f'pittura sabiħa twila 25 metru madwar din is-sala enormi. Dak iż-żmien Tuse' kellu biss 25 sena.

Fil-karriera tiegħu Toussaint Busuttil ħadem f'numru konsiderevoli ta' knejjes kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Fl-1938 ingħata inkarigu mill-Arċisqof Dom Mauro Caruana biex ipitter kurċifiss għall-knisja ta' San Girgor f'tas-Sliema. L-isqof Emanuel Galea ikkummissjonah ipitter żewġ kwadri għall-Istitut Ġesu' Nazzarenu f'Marsaxlokk. Xogħol ieħor tiegħu kien il-kwadru tas-Sagra Familja għal wieħed mill-altari laterali għas-santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar. Għall-Istitut tas-sorijiet ta' l-Ursolini ġewwa l-Imsida pitter l-inkwatru tad-Duluri. Pitter ukoll il-koppla u l-pendenti tal-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk filwaqt li għall-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi pitter il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Fil-knisja arċipretali taż-Żejtun, raħal twelidu, Tuse' pitter il-koppla, il-pendenti, l-abside, il-koppletti tan-navati u l-ħajja ta' Santa Katarina fis-saqaf kollu tal-knisja. Fuq kull naħa ta' l-orgni pitter lil David u Santa Ċeċilja. Id-dekorazzjonijiet fil-ġebel matul il-korsija, fil-koppletti u l-arkati kollha huma disinji ta' Tuse' esegwiti minn Ġiġi Depasquale taħt id-direzzjoni tiegħu.

Wieħed ma jridx jinsa jsemmi wkoll li Tuse' rebaħ għadd ta' konkorsi li fosthom wieħed jista' jsemmi id-disinn tal-paviment tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien u d-disinn tal-bradella ta' l-istatwa ta' Sant'Elena ġewwa Birkirkara. Kien ukoll ġie inkarigat biex jiddisinja medalja kommemorattiva għall-Kunsill ta' l-Ewropa. Ma nistgħux inħallu barra d-disinji taż-żewġ planċieri tal-banda għaż-żewġ każini tal-banda Żwieten.

F'dan l-istess żmien huwa aċċetta wkoll li jpitter in-navati tal-knisja parrokkjali ta' Sannat ġewwa Għawdex. Fis-sagristija ta' l-istess knisja insibu pittura ritratt ta' l-Arċipriet Cassar filwaqt li pittura oħra ta' Monsinjur Xuereb tinsab fid-dar tiegħu ġewwa r-Rabat f'Għawdex.

Fit-3 t'April, 1945 Toussaint Busuttil iżżewweġ lil Giaele Gatt. Huma rabbew tifla bl-isem ta' Marija. Huwa kien joqgħod iż-Żejtun, raħal twelidu, f'numru 69 Triq Sab Girgor. Huwa kien jgħaddi ħinijiet twal fl-istudju tiegħu li kien iqisu bħala s-*sancta santorum*.

Il-pittur Toussaint Busuttil miet fis-6 ta' Jannar 1994 fl-eta' ta' 82 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata, Raħal Ġdid. ■

"Ma nistgħux inħallu barra d-disinji taż-żewġ planċieri tal-banda għaż-żewġ każini tal-banda Żwieten"

**Awguri lil dawn il-Bandisti tal-post li ilhom idoqqu mal-banda tgħana għal ħafna snin:**

**Nazzareno Mifsud (Klarinet): 50 Sena Bandist**
**Mario Gauci (Althorn): 40 Sena Bandist**
**Edwin Montebello (Euphonium): 40 Sena Bandist**
**Christopher Zammit (Percussion): 25 Sena Bandist**

**Mill-qalb nirringrazzjawhom tas-servizz li jgħatu lil-Banda Beland.**